(b) Fil-każ li l-qalba tal-libertà tar-reliġjon tista' wkoll tinkludi ċerti prattiki reliġjużi fil-pubbliku:

— huwa għalhekk suffiċjenti, sabiex ikun hemm ksur serju għal-libertà tar-reliġjon, li l-applikant jikkunsidra li tali espressjoni tat-twemmin tiegħu hija neċessarja għall-finijiet tal-identità reliġjuża tiegħu?

— jew huwa wkoll neċessarju li l-komunità reliġjuża li jassoċċja ruħu magħha l-applikant tqis din l-espressjoni reliġjuża bħala element ċentrali tad-dottrina reliġjuża tagħha?

— jew huwa possibbli li jkun hemm restrizzjonijiet addizzjonali li jirriżultaw minn ċirkustanzi oħra, bħas-sitwazzjoni ġenerali tal-pajjiż tal-oriġini?

(3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

Hemm biża fondata ta' persekuzzjoni, fis-sens tal-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 2004/83/CE, jekk jiġi stabbilit li l-applikant ser iwettaq ċerti atti reliġjużi — barra dawk li ma jagħmlux parti mill-qalba — wara li jkun irritorna fil-pajjjiż tal-oriġini, minkejja li dawn tal-aħħar jagħtu lok għal perikolu għall-ħajja tiegħu, għall-integrità tal-persuna tiegħu u għal-libertà fiżika tiegħu, jew l-applikant huwa raġonevolment mistenni li jonqos milli jwettaq tali atti fil-futur?

---

[1] Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 96).

---

## Appell ippreżentat fit-18 ta' Frar 2011 minn Frucona Košice a.s. kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Diċembru 2010 fil-Kawża T-11/07, Frucona Košice a.s. vs Il-Kummissjoni Ewropea, St. Nicolaus — trade a.s

**(Kawża C-73/11 P)**

(2011/C 130/22)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Appellanti:* Frucona Košice a.s. (rappreżentanti P. Lasok QC, J. Holmes, Barrister, B. Hartnett, Barrister, O. Geiss, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* il-Kummissjoni Ewropej, St. Nicolaus — trade a.s.

### Talbiet tal-appellanti

(1) tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Diċembru 2010 fil-Kawża T-11/07, f'dak li jirrigwarda r-raba' u s-sitt motiv tar-rikors ippreżentat mill-appellanti quddiem il-Qorti Ġenerali;

(2) tilqa' dawn il-motivi, bħala fondati;

(3) tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tkun tista' tiddeċiedi fuq il-ħames, is-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' motiv invokati mill-appellanti quddiem il-Qorti Ġenerali, sa fejn dawn jirrigwardaw il-proċedura ta' eżekuzzjoni fiskali; u

(4) tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka ż-żewġ motivi li ġejjin.

(1) **L-ewwel motiv: il-Qorti Ġenerali ma evalwatx l-applikazzjoni tal-kriterju tal-kreditur privat magħmulha mill-Kummissjoni bi ksur tal-kriterju legali korrett.**

(i) L-evalwazzjoni magħmulha mill-Kummissjoni ma kinitx ibbażata fuq il-kriterju legali korrett, peress li l-Kummissjoni ma eżaminatx il-kwistjonijiet mill-perspettiva ta' investitur privat ipotetiku sabiex tiddetermina jekk l-annullament [tad-dejn] abbażi tal-konkordat fiskali kienx, jew le, manifestament iktar kunsiderevoli minn dak li tali kreditur kien ikun lest li jaċċetta.

(ii) Il-Qorti Ġenerali nnifisha wettqet l-istess żball bħal dak imwettaq mill-Kummissjoni u ma eżaminatx b'mod korrett il-kwistjoni ta' kif investitur privat kien jikkunsidra l-kwistjoni abbażi tal-informazzjoni li tali kreditur seta' raġonevolment ikollu fiż-żmien ta' meta ġie konkluż il-konkordat fiskali.

(iii) Minflok dan kollu, il-Qorti Ġenerali kkonfermat evalwazzjoni *a posteriori*, li tirrappreżenta l-perspettiva tal-Kummissjoni, fuq il-merti komparattivi tal-falliment u tal-konkordat fiskali. Din l-evalwazzjoni bl-ebda mod ma ħadet inkunsiderazzjoni r-riskji u d-dewmien li kien ikollhom importanza evidenti u sinjifikattiva għall-investitur privat li jkun qiegħed jiddeċiedi dwar kif għandu jipproċedi.

(iv) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali għandha tiġi annullata f'dan ir-rigward u l-motivi rilevanti li l-appellanti invokat quddiem il-Qorti Ġenerali għandhom jiġu milqugħin

(2) **It-tieni motiv: il-Qorti Ġenerali ppruvat, b'mod inaċċettabbli, tissostitwixxi r-raġunament tagħha għal dak tal-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-kriterju tal-kreditur privat u/jew evalwa l-provi eżistenti rilevanti għal dan il-kriterju b'mod manifestament inkorrett, u b'dan il-mod żnaturat il-provi.**

(i) Bir-rieda tagħha li tiffranka lill-Kummissjoni l-konstatazzjoni ta' żbalji jew ta' ommissjonijiet fl-analiżi li din tal-aħħar għamlet tad-dħul li kellu probabilment jinkiseb fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment, il-Qorti Ġenerali marret lil hinn mill-ġurisdizzjoni tagħha bħala qorti ta' stħarriġ u ppruvat tipprovdi r-raġunijiet tagħha u/jew li tagħmel l-evalwazzjoni ekonomika tagħha stess.

(ii) F'dak li jirrigwarda l-ispejjeż ta' proċedura ta' falliment, il-Qorti Ġenerali kkonstatat żbalji manifesti fl-evalwazzjoni tal-fatti magħmula mill-Kummissjoni u ċ-ċħid tagħha tar-raba' motiv invokat mill-appellanti quddiem il-Qorti Ġenerali, sa fejn dan kien jikkonċerna l-ispejjeż tal-falliment, kien ibbażat fuq is-sostituzzjoni, min-naħa tal-Qorti Ġenerali, tar-rahunament tagħha stess għal dak tal-Kummissjoni u/jew fuq żnaturament ċar tal-provi prodotti quddiemha.

(iii) Fl-eżami tagħha tat-tul tal-proċedura ta' falliment, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-provi tal-fajl tal-Kummissjoni, ippruvat, b'mod inaċċettabbli, tipprovdi l-motivi tagħha stess sabiex tiġġustifika, *a posteriori*, l-ommissjoni min-naħa tal-Kummissjoni ta' kull teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn il-provi u ma kkunsidratx l-argument tal-appellanti li jgħid li l-iżbalji li jivvizzjaw l-evalwazzjoni ekonomika tal-Kummissjoni, identifikati fir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni kumulattivament.

(iv) Il-Qorti Ġenerali wettqet żball billi bbażat ruħha fuq il-"prudenza" tal-Kummissjoni bħala motiv sabiex ma tikkunsidrax l-iżbalji manifesti li jivvizzjaw l-evalwazzjoni ekonomika tal-Kummissjoni, identifikati mill-appellanta fir-raba' u fis-sitt motiv tar-rikors li hija ppreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali u, billi għamlet dan, hija daħlet fil-qasam tal-evalwazzjoni ekonomika u/jew żnaturat il-provi disponibbli.

(v) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali għandha, konsegwentement, tiġi annullata sa fejn din tikkonċerna ir-raba' u s-sitt motiv tar-rikors li l-appellanti kienet ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali u dawn il-motivi għandhom jiġu milqugħin.

## Rikors ippreżentat fil-21 ta' Frar 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Awstrija

## (Kawża C-75/11)

(2011/C 130/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Kreuschitz u D. Roussanov, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Awstrija

### Talbiet tar-rikorrenti

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tikkonstata li, billi tat tnaqqis fuq il-pezz tat-trasport pubbliku biss lill-istudenti li fir-rigward tagħhom jingħataw allowances tal-familja Awstrijaki, ir-Repubblika tal-Awstrija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikoli 18, 20 u 21 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 24 tad-Direttiva 2004/38/KE [1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Awstrija għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Iċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom id-dritt ta' moviment liberu fit-territorju tal-Istati Membri, mingħajr ħsara għal-limiti u l-kundizzjonijiet previsti mit-trattati u mid-dispożizzjonijiet stabbiliti għall-applikazzjoni tagħhom. Meta ċittadini tal-Unjoni jagħmlu użu minn dan id-dritt, huma għandhom, bħala prinċipju, jiġu ttrattati bl-istess mod bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti.

Il-fatt li t-tnaqqis mogħti lill-istudenti fuq il-prezz tat-trasport huwa suġġett għall-ksib ta' allowances tal-familja fl-Awstrija għandu l-konsegwenza naturali li joħloq żvantaġġ ikbar liċ-ċittadini tal-Istati Membri l-oħra meta mqabbla maċ-ċittadini Awstrijaki u jikser għalhekk il-prinċipju ta' trattament ugwali bejn iċ-ċittadini tal-Unjoni u ċ-ċittadini nazzjonali.

B'mod kuntrarju għall-opinjoni tal-Gvern Awstrijak, it-tnaqqis fil-prezz tat-trasport ma jikkostitwixxix għotja *in natura* intiża sabiex tikkumpensa l-ispejjeż tal-familja, ladarba huma biss l-istudenti li jkunu rreġistrati fi stabbiliment ta' edukazzjoni għolja li jistgħu manifestament jibbenefikaw minn dan il-vantaġġ.

It-trattament differenti operat fir-rigward tal-istudenti li l-ġenituri tagħhom ma għandhomx dritt għall-allowances tal-familja Awstrijaki lanqas ma huwa kopert mid-deroga prevista fl-Artikolu 24(2) tad-Direttiva 2004/38, li jipprovdi li l-Istat Membru ospitanti jista', f'ċerti ċirkustanzi, jirrifjuta li jagħti lill-istudenti ċittadini ta' Stati Membri oħra għajnuna ta' manteniment għall-istudji fl-għamla ta' boroż ta' studju jew ta' self.

Kull deroga għall-prinċipju ta' trattament ugwali għandha tiġi interpretata b'mod restrittiv. Huwa minħabba f'hekk li t-tnaqqis mogħti lill-istudenti fil-prezz tat-trasport ma jistax jikkostitwixxi għajnuna ta' manteniment għall-istudji fl-għamla ta' borża ta' studju jew ta' self. Konsegwentement, ir-rifjut li jingħata tnaqqis lill-istudenti li l-ġenituri tagħhom ma jiħdux l-allowances tal-familja Awstrijaki jikser id-dritt tal-Unjoni.

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46.

## Appell ippreżentat fit-28 ta' Frar 2011 minn Herbert Neuman, u Andoni Galdeano del Sel kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tas-16 ta' Diċembru 2010 fil-Kawża T-513/09, José Manuel Baena Grupo, S.A. vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) u Herbert Neuman u Andoni Galdeano de Sel

## (Kawża C-101/11 P)

(2011/C 130/24)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Appellanti:* Herbert Neuman u Andoni Galdeano del Sel (rappreżentanti: S. Míguez Pereira, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* José Manuel Baena Grupo, S.A. u L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

### Talbiet tal-appellanti

— tiddikjara dan l-appell ammissibili u fondat

— tannulla kompletament is-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tas-16 ta' Diċembru 2010 mogħtija fil-kuntest tal-Kawża T-513/09

— tiddikjara n-nullità tad-disinn Komunitarju Nru 000 426 895-0002